

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2142****tat-3 ta' Diċembru 2021****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 fir-rigward tal-livelli massimi tal-alkalojdi tal-loppju f'ċerti oġġetti tal-ikel****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93 tat-8 ta' Frar 1993 li jstabbilixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 <sup>(2)</sup> jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti, inkluż l-alkalojdi tal-loppju, fl-oġġetti tal-ikel.
- (2) Iż-żrieragħ tal-peprin jinkisbu mix-xaħxieħa (*Papaver somniferum* L.) Il-pjanta tax-xaħxieħa fiha l-alkalojdi tal-loppju bħalma huma l-morfina u l-kodeina. Iż-żrieragħ tal-peprin ma fihomx l-alkalojdi tal-loppju jew fihom l-alkalojdi tal-loppju biss flivelli baxxi ħafna, iżda jistgħu jiġu kkontaminati bl-alkalojdi minħabba ħsara mill-insetti jew permezz tal-kontaminazzjoni esterna taż-żrieragħ waqt il-ħsad, meta maż-żrieragħ jeħlu xi trab tat-tiben (inkluż ir-rita tal-kapsula).
- (3) Fl-2018, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") adottat aġġornament tal-opinjoni xjentifika dwar l-alkalojdi tal-loppju fiż-żrieragħ tal-peprin <sup>(3)</sup>. L-awtorità kkonfermat id-doża akuta ta' referenza (ARfD, acute reference dose) ta' 10 µg ta' morfina għal kull kg ta' piż tal-ġisem (bw) u kkonkludiet li l-konċentrazzjoni tal-kodeina fil-kampjuni taż-żrieragħ tal-peprin għandha titqies billi jiġu kkonvertiti l-ekwivalenti tal-kodeina f'morfina, bl-użu ta' fattur ta' 0,2. Għalhekk, l-ARfD hija doża akuta ta' referenza ta' grupp għall-morfina u għall-kodeina, espress f'ekwivalenti ta' morfina. L-istimi tal-esponiment jindikaw li x'aktarx tinqabeż l-ARfD ta' grupp, b'mod partikolari, meta jiġu kkunsmati porzjonijiet kbar, jew jekk jiġi kkunsmat ikel li fih żrieragħ tal-peprin mhux ipproċessati.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-livelli massimi għall-morfina u l-kodeina, espressi f'ekwivalenti ta' morfina, għaż-żrieragħ tal-peprin imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali u għall-prodotti tal-forn li fihom iż-żrieragħ tal-peprin jew prodotti derivati minnhom. Jenħtieġ li daww il-livelli jiġu stabbiliti billi jitqies li l-ipproċessar tal-ikel jista' jnaqqas il-kontenut tal-alkalojdi fiż-żrieragħ tal-peprin fl-istat naturali b'25–100 % fil-prodott finali. Billi jixraq li l-produttur tal-prodotti tal-forn ikollu informazzjoni dettaljata, inkluż il-kontenut ekwivalenti għall-morfina, dwar iż-żrieragħ tal-peprin li jintużaw bħala ingredjenti fil-prodotti tal-forn, il-fornitur taż-żrieragħ tal-peprin għandu jipprovdi dik l-informazzjoni lill-produttur tal-prodotti tal-forn.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1881/2006 jiġi emendat skont dan.
- (6) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkun jistgħu jippreparaw għar-regoli l-ġodda introdotti b'dan ir-Regolament, jixraq li jingħata żmien raġonevoli sakemm jibdeu japplikaw il-livelli massimi. Jixraq ukoll li jiġi previst perjodu tranżizzjonali għall-oġġetti tal-ikel imqiegħda fis-suq legalment qabel id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).<sup>(3)</sup> Update of the Scientific Opinion on opium alkaloids in poppy seeds. *EFSA Journal* 2018;16(5):5243, 119 pp. <https://doi.org/10.2903/j.efsa.2018.5243>

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

L-oġġetti tal-ikel elenkati fl-Anness imqiegħda legalment fis-suq qabel l-1 ta' Lulju 2022, jistgħu jibqgħu fis-suq sad-data tad-durabbiltà minima jew sad-data tal-iskadenza tagħhom.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

\_\_\_\_\_

## ANNEX

Fit-Taqsima 8 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1881/2006, tizzied l-entrata 8.5 li ġejja:

"Oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>		Livell massimu (mg/kg)
8.5.	<b>Alkaloidi tal-loppju (*)</b>	
8.5.1.	Żrieragħ tal-peprin sħaħ, mgħaffġin jew mitħunin imqiegħda fis-suq għall-konsumatur finali	20
8.5.2.	Prodotti tal-forn (**) li fihom iż-żrieragħ tal-peprin u/jew prodotti dderivati minnhom (***)	1,50

(\*) Il-livell massimu jirreferi għas-somma tal-morfina u l-kodeina, li għalihom jiġi applikat fattur ta' 0,2 għal-livell tal-kodeina. Għalhekk, il-livell massimu jirreferi għas-somma tal-morfina + 0,2 kodeina.

(\*\*) Il-prodotti tal-forn jinkludu wkoll oġġetti tal-ikel melħin u ikliet ħfief lesti biex jittieklu bbażati fuq id-dqiq.

(\*\*\*) L-operatur tan-negozju tal-ikel li jforni iż-żrieragħ tal-peprin lill-operatur tan-negozju tal-ikel li jimmanifattura l-prodotti tal-forn għandu jipprovi l-informazzjoni meħtieġa biex il-manifattur tal-prodotti tal-forn ikun jista' jqiegħed fis-suq prodotti li jikkonformaw mal-livell massimu. Din l-informazzjoni għandha tinkludi d-*data* analitika, skont il-każ."